MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru. 196/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Michael Zarb, ta' 60 sena, iben il-mejjet Alphonse u l-mejta Maria imwieled Qormi fit-2 ta' Settembru 1949 u residenti 138, Rinella Street, Kalkara u detentur tal-karta ta' l-identita` Numru 714949(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Michael Zarb li permezz taghha huwa gie akkuzat talli gewwa Hal-Far, limiti ta' Birzebbuga u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Dicembru, 2009, u fil-gimghat ta' qabel,

1) Minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Charmaine Fenech, kontra l-volonta`taghha sabiex bhala mara igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
2) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna tal-istess Charmaine Fenech.;
3) Offenda l-pudur jew il-morali, b'geghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu u l-fatt li ikkopera mal-pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------